## FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 1 ta' Gunju, 2016**

**Avviz Numru: 291/2005 MLF**

**Avukat Dottor Joseph Mifsud**

**Vs**

**Onor. Robert Arrigo MP**

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attur fejn talab li l-konvenut jigi kkundannat li jhallas lill-attur dik is-somma li din il-Qorti, ai termini ta' l-artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Istampa, tiddetermina bhala danni u riparazzjoni tal-malafama li huwa sofra, meta huwa, waqt xandira live fuq NET Television li xxandret nhar il-Hadd 8 ta' Mejju 2005, ghamel allegazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront tal-attur bil-ghan li jtelliflu jew inaqqaslu r-reputazzjoni tieghu, meta allega fost ohrajn, li waqt li l-istess attur, fil-kariga tieghu ta' President tal-Malta Football Association (MFA), kien ser jipprezenta t-tazza tar-rebh tal-Premier Division League 2004/2005 lit-team tas-Sliema Wanderers FC, huwa ingustament irrifjuta li jipprezentaha lilu u inoltre *"qal (l-attur) ghax l-MFA rules naghmilhom jien....u* (is-Sliema) *ma tidhux tazza ohra"*, meta l-attur qatt ma qal dan id-diskors, u f'din l-okkazjoni l-attur lanqas biss indirizza jew qal xi kliem lilu (konvenut).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv. Huwa ngunt ukoll biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Onor. Robert Arrigo MP fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament jigi eccepit illi l-konvenut ma ppartecipax fi program bhala mistieden f'progam "live" fuq Net Television fit-8 ta' Mejju, 2005 u ghaldaqstant certament ma setgha ghamel xejn minn dak allegat mill-attur;
2. Illi subordinament u minghajr pregudizzju, jekk il-konvenut kien involut f'xandira "live" fuq Net Television, dak dikjarat mill-konvenut mhux libelluz fil-konfront tal-attur;
3. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, jigi eccepit illi in kwantu x-xandira mertu ta' dina l-kawza tikkonsisti f'espressjoni ta' opinjoni dana huwa "fair comment" kif permess u accettat mill-ligi u l-gurisprudenza nostrana u in kwantu tikkonsisti f'allegazzjoni ta' fatt tali fatti huma veri u/jew sostanzjalment veri;
4. Illi subordinament u minghajr pregudizzju, ghas-sueccepit jigi eccepit illi l-eccipjenti ma kellux l-*animus injuriandi* (l-intenzjoni li jingurja) rikjesta mil-ligi, izda jekk kellu xi intenzjoni dina kienet l-*animus retroquendi* (li jirrispondi dak li ntqal fuqu mill-attur). Dina tal-ahhar telimina l-*animus injuriandi* rikjesta mil-ligi.
5. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza ta' libell huma s-segwenti:

1. Fit-8 ta' Mejju 2005, l-attur, apparti li kien avukat, kien jokkupa l-kariga ta' President tal-Malta Football Association (aktar l-isfel imsejha "MFA"), kif ukoll kien membru tal-Kumitat Ezekuttiv tal-UEFA.

2. Il-konvenut kien il-President tas-Sliema Wanderers Football Club (iktar l'isfel imsejjah "Sliema Wanderers").
3. F'dik il-gurnata inzammet l-ahhar partita tal-kampjonat tal-football tal-Premier Division ghas-sena 2004-2005, u l-attur kien prezenti fl-area tal-VIP's go l-istadium ta' Ta' Qali, sabiex wara li tintemm il-partita, jipprezenta t-tazza lit-tim rebbieh tal-kampjonat ta' dik is-sena.
4. Wara tmiem il-partita, irrizulta li l-kampjonat kien intrebah mit-tim tas-Sliema Wanderers.
5. It-team tas-Sliema Wanderers flimkien mal-konvenut telghu t-tarag fejn kien qieghed l-attur biex issir ic-cerimonja tal-prezentazzjoni tat-tazza.
6. X'hin l-attur kien se jipprezenta t-tazza lill-kaptan tat-team tas-Sliema Wanderers, Noel Turner, il-konvenut ipprezenta ruhu u ppretenda li t-tazza jirceviha hu u mhux il-kaptan.
7. L-attur m'accettax u baqa' jinsisti li jghati it-tazza lill-kaptan, fil-waqt li l-konvenut baqa' jinsisti li t-tazza jehodha hu.
8. Ghalkemm, l-attur xehed li finalment ta t-tazza lill-Kaptan, il-Kaptan xehed li hekk kif l-attur ipponta t-tazza lejh, cioe lejn il-Kaptan, il-konvenut hadha u refaghha hu.
9. F'intervista li l-konvenut ta lil gurnalist tan-Net Television, il-konvenut allega li l-attur ingustament irrifjuta li jipprezenta t-Tazza lilu u in oltre li l-attur qallu il-kliem *"ghax l-MFA rules naghmilhom jien … … u (is-Sliema) ma tihdux tazza ohra."*
10. L-attur jinnega dawn l-allegazzjonijiet li l-konvenut ghamel fil-konfront tieghu mal-gurnalist ta' Net Television u jghid li huma foloz u malafamanti fil-konfront tieghu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*<u>Ir-Rekwizit tal-Pubblikazzjoni tal-Intervista</u>*

Il-Qorti sa tibda l-konsiderazzjonijiet taghha, billi tirreferi ghal dak li qal il-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li ma ngabietx prova sal-grad rikjest fil-kamp civili, li l-intervista li hu ta lil gurnalist ta' Net Television ixxandret fuq il-mezzi tax-xandir. Issa l-attur ezebixxa "video cassette" – li anke intwera waqt is-seduta tal-25 t'Ottubru 2006 fil-prezenza tal-

partijiet u l-avukati difensuri rispettivi taghhom[1] - u xehed li *"Fil-fatt dan huwa video recording tal-programm li kien ixxandar fuq Net Television."*

Ghalkemm huwa vera li l-attur seta' tella' rapprezentanti ta' Net Television u tal-Awtorita tax-Xandir sabiex jikkonfermaw dan, il-konvenut ma ressaq l-ebda xhieda biex jikkontradici x-xhieda tal-attur li l-video cassette kien fih ir-recording tal-programm li xxandar fuq Net Television, u meta l-video cassette intwera waqt is-seduta tal-Qorti, ma sar l-ebda verbal u wisq inqas ingabet xi prova li r-recording fil-video cassette ma kienx wiehed genwin.

In oltre, il-konvenut stess prodott in subizzjoni qal hekk *"Nikkonferma li waqt il-programm fuq Net Television tat-8 ta' Mejju 2005, jien nikkonferma li ghidt il-kliem li qed jilmenta minnhom l-attur, kif riportati fl-istess avviz."*[2]

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju li l-attur ipprova sal-grad rikjest fil-kamp civili li l-intervista li l-konvenut ta lill-gurnalist tan-Net Television – u li minnha qed jilmenta l-attur - giet imxandra *live* fuq it-televizjoni.

Ladarba giet stabbilita l-pubblikazzjoni tal-intervista, il-Qorti se tghaddi biex tikkunsidra l-eccezzjonijiet tal-konvenut wiehed.

*L-Ewwel Eccezzjoni – li l-konvenut ma ippartecipax fil-Programm Televiziv*

Fl-ewwel eccezzjoni tieghu, il-konvenut jeccepixxi li hu ma pparticipax fil-programm in kwistjoni bhala *"mistieden"* u ghalhekk skond hu *"certament ma setgha jaghmel xejn minn dak allegat mill-attur."*

Din il-Qorti tqis din l-eccezzjoni bhala wahda frivola u vessatorja, in vista tal-fatti kif fuq esposti u dak ikkonsiderat minn din il-Qorti fil-konfront tal-allegazzjoni tan-nuqqas ta' pubblikazzjoni.

---

[1] Ara verbal tas-seduta tal-25 t'Ottubru 2006, a fol. 22 tal-process.
[2] Ara xhieda tal-konvenut fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2008 a fol. 2008.

Il-fatt li l-konvenut ma kienx "mistieden" formalment fil-programm huwa totalment irrelevanti – dak li hu relevanti hu li hu ppartecipa fil-programm u qal il-kliem in kwistjoni – haga li l-konvenut ammetta. Konsegwentement, il-Qorti ma tistax tifhem, fic-cirkostanzi, kif il-konvenut jista' jeccepixxi li hu *"certament ma setgha jaghmel xejn minn dak allegat mill-attur."* – sottomissjoni li fic-cirkostanzi tal-kaz, ma taghmel ebda sens la logiku u wisq inqas legali.

Ghaldaqstant, l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

*It-Tieni Eccezzjoni – Li dak li l-konvenut iddikjara mhux libelluz fil-konfront tal-attur*

Fit-tieni eccezzjoni tieghu, il-konvenut jeccepixxi li *"jekk kien involut f'xandira "Live" fuq Net Television"* – haga li ghar-ragunijiet gia fuq spjegati hija ppruvati u anke ammessa mill-konvenut stess fix-xhieda tieghu – dak dikjarat minnu mhux libelluz fil-konfront tal-attur.

Kif sewwa rrileva l-attur fix-xhieda tieghu u fin-nota ta sottomissjonijiet tieghu, l-allegazzjoni tal-konvenut tattakka l-integrita tal-attur kemm bhala avukat, kemm bhala President tal-MFA u anke fil-kariga tieghu ta' membru tal-Ezekuttiv tal-UEFA, billi timplika li huwa m'huwiex imparzjali u li jinfluwixxi fuq il-loghob – att kriminali fih innifsu. Din hija it-tifsira li s-semmiegh ordinarju jaghti lill-kliem tal-konvenut *"fis-sens normali u ordinarju taghhom."*[3]

Fis-sentenza **Dottor Louis Galea vs. Onor' Prim Ministru**, deciza fit-23 ta' Mejju 2002, il-Qorti tal-Appell ikkwotat b'approvazzjoni it-tifsira li jaghti **Gatley** ghal principju li wiehed irid jiehu l-kliem fis-sens normali u ordinarju taghhom. **Gatley** jghid hekk: *"What the ordinary man would infer without special knowledge has generally been called the natural and ordinary meaning of words. But that expression is rather misleading in that it conceals the fact that there are two elements in it. Sometimes it is not necessary to go beyond the words themselves, as where the plaintiff has been called a thief and a murderer. But more often the sting is not so much in the words themselves as in what the ordinary man will infer from them, and that is also regarded as part of their natural and ordinary meaning … … The*

[3] Ara **Dr. Andrew Borg Cardona vs Joseph Abela et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza fl-24 ta' Jannar 2002.

*ordinary and natural meaning of words may be either the literal meaning or it may be implied or inferred or an indirect meaning; any meaning that does not require the support of extrinsic facts passing beyond general knowledge but is a meaning which is capable of being detected in the language used can be part of the ordinary and natural meaning ... ... The ordinary and natural meaning may therefore include any implication or inference which a reasonable reader guided not by any special but only by general knowledge, and not fettered by any strict legal rules of construction would draw from the words."*[4]

Fid-dawl tas-suespost, din it-tieni eccezzjoni tal-konvenut qieghda tigi michuda.

*It-Tielet Eccezzjoni – li l-kliem tieghu jikkostitwixxu "fair comment"*

It-tielet eccezzjoni tal-konvenut hija illi in kwantu x-xandira mertu ta' dina l-kawza tikkonsisti f'espressjoni ta' opinjoni, dana huwa *"fair comment"* kif permess u accettat mil-ligi u l-gurisprudenza nostrana u in kwantu tikkonsisti f'allegazzjoni ta' fatti tali fatti huma veri u / jew sostanzjalment veri.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, l-konvenut jallega li fix-xhieda tieghu a fol. 27 (recte 25) tal-process, l-attur illimita l-kawza ta' libell tieghu ghall-allegazzjoni tal-konvenut li hu (l-attur) qal li tas-Sliema ma tiehux tazza ohra. Pero minn qari tax-xhieda kollha tal-attur, dan mhux korrett, ghax l-attur ikompli jghid *"kif ukoll ghal dawk il-kliem citati fl-avviz"*. Dan ifisser li l-attur bl-ebda mod ma illimita l-lanjanzi tieghu, izda baqghu koncentrati fuq il-kliem kollu tal-konvenut iccitati fl-avviz. Ghaldaqstant, din l-allegazzjoni tal-konvenut hija infondata.

Ghal fini ta' din it-tielet eccezzjoni, il-Qorti se taqsam il-konsiderazzjoni taghha f'zewg partijiet – wahda li tikkoncerna l-allegazzjoni tal-konvenut li l-attur ingustament irrifjuta li jtih it-tazza u l-ohra li tikkoncerna l-allegazzjoni tal-konvenut li l-attur qallu li hu (l-attur) jaghmel ir-regoli tal-MFA u li s-Sliema Wanderers mhux se jiehdu tazza ohra.

---

[4] **Gatley on Libel and Slander,** Sweet & Maxwell (London) 1981 (8th. ed.), para. 97, pagni 51-52.

(i) *L-allegazzjoni tal-konvenut li l-attur irrifjuta ingustament li jtih it-tazza tar-rebh tal-Kampjonat*

Rigward l-allegazzjoni tal-konvenut li l-attur irrifjuta li jtih it-tazza, dan il-fatt mhux kontestat mill-attur. Allura tqum il-kwistjoni jekk il-kumment tal-konvenut li dan ir-rifjut kien wiehed "ingust" jikkostitwix *fair comment* jew le. Huwa principju assodat fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, ispirat mill-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, li persuni pubblici bhalma huwa l-attur, iridu jkunu lesti li jissottomettu ruhhom ghal kritika iktar harxa mill-pubbliku, minn persuni privati, fid-dawl tad-dritt fundamentali tal-liberta tal-espressjoni. Pero min-naha l-ohra, dan ma jfissirx li persuna pubblika m'ghandhiex ukoll id-dritt li r-reputazzjoni tajba taghha tigi mharsa. Din hija kwistjoni ta' bilanc li l-Qorti trid tilhaq f'kull kaz.

Skond ix-xhieda tal-attur ma riedx jaghti it-tazza lill-konvenut ghaliex il-prattika hija li t-tazza tinghata lill-kaptan tat-team rebbieh, u mhux lill-President tal-Football Club, kif kienet il-kariga tal-konvenut. Ghalkemm, in subizzjoni, l-attur qal li ma jiftakarx jekk din il-prassi kienitx miktuba jew le, u ma eskludiex li wara dan l-incident setghet iddahhlet regola *ad hoc* illi t-tazza tinghata lill-Kaptan tat-team rebbieh. Mill-provi prodotti ma hemmx dubbju li l-attur hu korrett f'dak li qal fix-xhieda tieghu. Dan huwa korroborat b'diversi xhieda ohra, u anke kif se jigi spjegat iktar il'quddiem, indirettament mill-konvenut stess.

Hekk Hugh Caruana, Assistant Coach tas-Sliema Wanderers, jghid li l-uzanza hija li t-tazza tinghata lill-kaptan tat-team, u xehed hekk *"Fil-fatt konna tlajna ghat-tazza fejn din tinghata fil-VIP Box tal-iStadium Nazzjonali f'Ta'Qali. Bhala Captain kien tela' Noel Turner sabiex jiehu t-tazza, u hu tiela ghat-tazza Noel Turner kien hemm prezenti wkoll mieghu u vicin tal-istess Noel Turner l-Onorevoli Robert Arrigo, dak iz-zmien President tal-Club. Kien hemm vicin ukoll Edward Aquilina li kien il-coach. Jien kont vicin Edward Aquilina."*[5] John Busuttil, gurnalist tal-gazzetta "In-Nazzjon Taghna", ukoll jghid illi bhala regola tazza tinghata lill-Kaptan tat-team rebbieh u izid jghid li din jafha bhala regola tal-MFA anke qabel dan l-incident, ghaliex hu kien jattendi hafna l-Kunsill tal-MFA.[6]

[5] Ara fol. 56 tal-process.
[6] Ara xhieda a fol. 119 -120 tal-process.

Fix-xhieda tieghu, il-Kaptan tat-team tas-Sliema Wanderers, Noel Turner, xehed hekk *" ... ... nixtieq nispjega illi qabel* (l-incident in kwistjoni) *il-president tieghi il-konvenut kien talabni sabiex jiehu t-tazza hu minfloki. Jiena fil-fatt accettajt u ghidtlu li mhux ser taghmel differenza."*[7] Dan ifisser li l-konvenut kien ben konsapevoli tal-prassi li l-President tal-MFA jaghti t-tazza lill-Kaptan, u li hu ma kellu l-ebda dritt jiehu t-tazza. Tant li qabel telghu biex jiehdu t-tazza, il-konvenut talab lil Kaptan permess biex it-tazza jehodha hu minfloku, u l-Kaptan – ovvjament impoggi f'sitwazzjoni antipatika – accetta. Inoltre, fix-xhieda tieghu,[8] l-konvenut jghid li meta tela' mat-team ta' tas-Sliema sabiex jiehdu t-tazza, *"jiena staqsejt lill-attur biex it-tazza jipprezentaha lili ... ..."* Ovvjament, il-konvenut ghamel din it-talba lill-attur, ghax kien jaf li l-prassi kienet li t-tazza tinghata lill-Kaptan, u mhux lill-President tal-Club.

Fix-xhieda tieghu,[9] il-konvenut jipprova jispjega ghaliex fl-opinjoni tieghu, ir-rifjut tal-attur li jaghtih it-tazza tar-rebh tal-kampjonat kienet decizjoni ingusta. Huwa jallega li kien hemm tlett okkazzjonijiet fejn it-tazza ma' inghatatx lill-kaptan tat-team rebbieh:

1. Ftit jiem qabel l-incident in kwistjoni, it-tazza in konnessjoni mar-rebh tal-Ewwel Divizjoni minn Tarxien Rainbows, ma nghatatx lill-kaptan, izda lill-President tal-Club ta' Tarxien.
2. Fl-istess perjodu, t-tazza li intrebhet fl-Iskozja minn Celtic kienet inghatat mhux lill-Kaptan tat-team, izda lill-Manager tat-team.
3. F'tournament tal-football li sar Malta, fejn rebah it-team tal-Moldova, l-attur ta t-tazza lir-referee f'isem il-Moldova.

Rigward it-tielet allegazzjoni, irrizulta mix-xhieda ta' John Busuttil, gurnalist tal-gazzetta "In-Nazzjon Taghna" li l-kaz tat-team tal-Moldova kien incident uniku *"fis-sens illi t-team tal-Moldova kien telaq minn Malta, ghalhekk it-tazza inghatat lir-referee li kien Malta jirrapprezenta lil Moldova."*

Rigward iz-zewg allegazzjonijiet l-ohra fejn it-tazza ma inghatatx lill-Kaptan tat-team rebbieh, il-konvenut ma ressaq ebda provi biex jissustanzjahom, u wisq inqas gab prova tar-raguni ghaliex, dak li allega hu veru, it-tazza ma inghatatx lill-Kaptan. Pero, fir-rigward tal-

---

[7] Ara fol. 45 tal-process.
[8] Ara fol. 109 tal-process.
[9] Ara fol. 108 *et seq.* tal-process,

ewwel allegazzjoni ix-xhud Hugh Caruana, l-assistant coach, xehed li hu kien qara li l-kaz ta' Tarxien Rainbows kien qrah fil-gazetta u ma kienx l-attur li ta t-tazza lill-President tal-Club.

Fid-dawl ta' dawn il-fatti, din il-Qorti trid tiddeciedi jekk il-kumment tal-konvenut li l-attur kien "ingust" meta irrifjuta li jtih it-tazza jikkostitwix *fair comment.* Fis-sentenza **Onor. Dr Eddie Fenech Adami vs Onor Dr Alfred Sant**, deciza fid-19 ta' Mejju 2003, il-Qorti tal-Appell ikkwotat b'approvazzjoni lil Lord Hewart C.J. fil-kawza **Stopes vs Sutherland**:[10]
*"What is it that fair comment means. It means this – and I prefer to put it in words which are not my own; I refer to the famous judgement of Lord Esher M.R. in Merivale v. Carson (1887) 20 QBD pp 280, 281: "Every latitude," said Lord Esher, "must be given to opinion and to prejudice, and then an ordinary set of men with ordinary judgement must say (not whether they agree with it, but) whether any fair man would have made such a comment … … Mere exaggeration, or even gross exaggeration, would not make the comment unfair. However wrong the opinion expressed may be in point of truth, or however prejudiced the writer, it may still be within the prescribed limit. The question which the jury must consider is this – would any fair man, however prejudiced he may be, however exaggerated or obstinate his views, have said that which this criticism has said?" Again, as Bray J. said in R v. Russel[11]: When you come to a question of fair comment you ought to be extremely liberal, and in a matter of this kind – a matter relating to the administration of the licensing laws – you ought to be extremely liberal, because it is a matter on which men's minds are moved, in which people who do know, entertain very, very strong opinions, and if they use strong language every allowance should be made in their favour. They must believe what they say, but the question whether they honestly believe it is a question for you to say. If they do believe it, and they are within anything like reasonable bounds, they come within the meaning of fair comment. If comments were made which would appear to you to have been exaggerated, it does not follow that they are not perfectly honest comments." That is the kind of maxim which you may apply in considering whethat that part of this matter which is comment is fair. Could a fair-minded man, holding a strong view, holding perhaps an obstinate view, holding perhaps a prejudiced view - could a fair-minded man have been capable of writing this? – which, you observe, is a totally different question from the question, Do you agree with what he said?"*

---

[10] House of Lords, Printed Cases, 1924, p. 375 citat f'**Gatley on Libel and Slander** (Sweet & Maxwell (London), 1981, para 728, p. 312.

[11] Unreported, December 2, 1905, cited in **Fraser's Law of Libel** (7th ed) at p. 108.

Fid-dawl ta' dawn il-fatti kollha, u specjalment tal-fatt li ma giex ippruvat li kien hemm xi kaz iehor fejn it-tazza ma nghatatx lill-Kaptan tat-team rebbieh, izda lil terzi minghajr raguni gusta, u tal-fatt li l-konvenut tant kien konsapevoli ta' din il-prassi, li huma u telghin sabiex jiehdu t-tazza, talab permess lill-Kaptan Noel Turner biex jiehu t-tazza minfloku, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, il-kumment tal-konvenut li r-rifjut tal-attur li jtih it-tazza kien wiehed "ingust" ma jikkostitwix *"fair comment"* fis-sens tal-ligi. L-attur mexa skrupolazament mal-prassi li kien jafha kullhadd, inkluz il-konvenut, u l-attur ma kellu l-ebda raguni valida ghalfejn jiddipartixxi minnha. Il-konvenut ippretenda li l-attur jaghtih trattament preferenzjali u l-attur irrifjuta. Fl-opinjoni tal-Qorti, l-ebda *"fair minded person"*, pregudikata kemm hi pregudikata, jew ostinata kemm hija ostinata, f'dawn ic-cirkostanzi ma kien se jasal biex jghid li l-agir tal-attur kien wiehed "ingust".

*(ii)* *Fejn il-konvenut qal il-kliem "ghax l-MFA rules naghmilhom jien ... ... u* (s-Sliema) *ma tiehux tazza ohra."*

L-attur jichad li qal dan il-kliem.

Il-konvenut qed jeccepixxi li dan il-kliem jikkostitwixxi *fair comment.* Il-Qorti tirrileva li dawn il-kliem m'humiex kummenti izda allegazzajoni cara ta' fatt. *"Comment is any kind of criticism, observation, animadversion, censure, estimate or other matter in the nature of an expression of judgement or opinion upon a subject of public interest."*[12] Il-Qorti tal-Appell tat l-istess definizzjoni fis-sentenza **Onor. Dr. Eddie Fenech Adami vs Onor. Dr. Alfred Sant** fuq citata, fejn iccitat b'approvazzjoni lil **Gatley on Libel and Slander** *(op. cit.)* li jghid hekk dwar l-essenza ta' kumment:

*"A comment is a statement of opinion on facts. It is comment to say that a certain act which a man has done is disgraceful or dishonourable; it is an allegation of fact to say that he did the act so criticised. "A libellous statement of fact is not a comment or criticism on anything". But while a comment is usually a statement of opinion as to the merits or demerits of conduct, an inference of fact may also be a comment. There are, in the cases, no clear definitions of what is comment. If a statement appears to be one of opinion or conclusion, it is capable of being comment. (para. 697, pagna 294)."*

[12] Ara s-sentenza **Regiland Miller vs Joseph J. Scorey** deciza mill-Qorti Kriminali fis-26 ta' April 1948

L-implikazzjoni cara fil-konfront tal-attur, u t-tifsir tal-kliem uzat ma jistghu b'ebda tigbid tal-immaginazzjoni jigu kwalifikati bhala *"fair comment"* jew *"value judgement"*. Ironikament, dan jammettih il-konvenut stess fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu fejn jghid hekk: *"Illi fil-mori tal-kawza irrizulta ampjament illi l-kliem mistqarr mill-konvenut kienu limitati biex jistqarru stat ta' fatt u bl-ebda mod ma kienu mahsuba li jghaddu valutazzjoni personali jew xi attakk virulenti ta' l-unur u tal-karattru tal-attur u ma kienux intizi li jesponuh ghar-ridikolu u ghad-disprezz. Fl-ebda stadju ma giet espressa xi opinjoni dwar dak li kien qal l-attur u wisq anqas gie mghoddi xi kumment. Dak li ghamel l-konvenut kien biss li rrepeta dak li kien intqal lilu mill-attur waqt l-incident in ezami u dana fuq talba tal-gurnalist ta' Net News."*[13]

Ladarba gie stabbilit il-kliem li qal il-konvenut u n-natura ingurjuza taghhom, il-piz li jipprova li dak il-kliem kien gustifikat idur fuq il-konvenut. Il-konvenut ressaq diversi xhieda li kienu prezenti u vicin (jew jghidu li kienu prezenti u vicin) waqt il-prezentazzjoni tat-tazza. Il-Qorti sejra tezamina x'qalu ezatt dawn ix-xhieda tal-konvenut:

1. Noel Turner, il-kaptan tat-team tas-Sliema Wanderers, xehed li kien hemm battibekk bejn l-attur u l-konvenut u hu kien f'nofshom, jipprova jikkalmhom. Huwa jghid li l-kliem preciz li sema' lill-attur jghid kien *"li hekk tazza ma tergghax terfaghha"*. Minkejja li jghid li kien f'nofshom jipprova jikkalmahom, qal li *"Qabel dan il-kliem ma nistax nghid x'kienu jikkonsistu dawk il-battibekki bejniethom."*[14]

2. Godfrey Pace, membru tal-kumitat tas-Sliema Wanderers, xehed li l-uniku diskors intqal mill-attur li qal *"kemm indum president jiena, s-Sliema ma jehdux tazza."*[15]

3. Jeffrey Aquilina, supporter tas-Sliema Wanderers, qal li sema' lill-attur jghid testwalment *"tazza ohra ma tiehdux, tazza ohra ma tiehdux"*. Kompla jghid li ghal dawn il-kliem ma ntqal xejn izjed.[16]

---

[13] Ara fol. 146 tal-process.
[14] Seduta tal-15 ta' Dicembru 2008, a fol. 45.
[15] Seduta tas-17 ta' Gunju 2009, a fol. 59.
[16] Seduta tat-22 ta' Frar 2010

4. Il-konvenut innifsu xehed li sema' lill-attur jghid: *"l-MFA huwa hu, jiddeciedi hu u jaghmel ir-regoli hu stess."* Imbaghad qallu *"din hija l-ewwel u l-ahhar darba u li ahna mhux ser niehdu tazza ohra."*[17]

Min-naha l-ohra, hemm xhieda ohra prodotti wkoll mill-konvenut, li xehdu li ma semghux lill-attur jghid dan id-diskors.

1. Hugh Caruana, l-assistant coach, xehed li sema lill-konvenut jghid tini t-tazza, pero lill-attur ma semghu jghid xejn. Ippreciza wkoll li li kieku l-attur qal xi haga kien jismaghha, avolja kien hemm hafna storbju.[18]
2. Alfred Borg, supporter tat-team tas-Sliema Wanderers, xehed hekk *"F'daqqa wahda rajt lill-konvenut u lill-attur bit-tazza f'idejhom, wiehed jghid li hi tieghu, u l-iehor jghid ma ntijilekx, naghtiha lill-captain, xi diskors iehor ma smajtux. Jiena lil Dr. Joe Mifsud xi diskors iehor ma smajtux jghid … …"*[19]

Ghalhekk filwaqt li l-attur u xi xhieda ohra jikkonfermaw li huwa ma qalx id-diskors attribwit lilu, il-konvenut u x-xhieda l-ohra li qalu li semghu lill-attur jghid xi diskors, ma jaqblux bejniethom fid-diskors li suppost qal.

Li hemm qbil zgur huwa li l-attur ried jaghti t-tazza lill-Kaptan u li l-konvenut ippretenda li tigi prezentata lilu. L-attur xehed li kulma qal kien li rrepeta il-kliem *"Captain ejja ghat-tazza"* u lill-konvenut ma kellmux.

Fid-dawl ta' dawn l-inkonsistenzi u l-kontradizzjonijiet ma jistghax jinghad li l-konvenut irnexxielu jipprova, sal-grad rikjest fil-kamp civili, dak li allega, b'mod li jeghleb il-piz tal-prova kontrih tal-kliem libelluz. L-unika certezza huwa d-diskors tal-konvenut li jammetti huwa stess. Dan id-diskors huwa malafamanti fil-konfront tal-attur u konsegwentement il-konvenut irid ihallas lill-attur id-danni taht il-ligi tal-Istampa.

Konsegwentment, it-tielet eccezzjoni qieghda tigi michuda.

---

[17] Seduta tas-7 ta' Dicembru 2011, a fol. 109.
[18] Seduta tas-17 ta' Gunju 2009, a fol. 56.
[19] Seduta tas-17 ta' Gunju 2009, a fol. 58.

In vista tal-konkluzjonijiet ta' din il-Qorti fuq spjegati, mhux necessarju li l-Qorti tikkunsidra r-raba' eccezzjoni

*<u>Likwidazzjoni tad-Danni</u>*

Fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-kliem tal-konvenut jikkostitwixxu ingurja gravi, u kienet intiza biex tnaqqas l-unur u r-reputazzjoni tal-attur f'ghajnejn in-nies, specjalment dawk involuti direttament jew interessati fl-isports tal-football Malti. Fil-fatt, l-attur stess xehed disa' (9) xhur wara l-incident, li kien ghad hemm nies li sa dak iz-zmien kienu jirridikolawh ghax allegatament fuq il-kliem li l-konvenut allega li qal. In oltre, l-allegazzjoni tal-konvenut attakkat l-integrita tal-attur kemm bhala avukat, kemm bhala President tal-MFA u bhala membru tal-Ezekuttiv tal-UEFA.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talba tal-attur, u filwaqt li tiddikjara li l-konvenut ghamel allegazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront tal-attur bil-ghan li jtelliflu jew inaqqaslu r-reputazzjoni tieghu, tikkundanna lill-konvenut, ai termini tal-Artikolu 28 tal-Att dwar l-Istampa (Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta), ihallas lill-konvenut is-somma ta' erbat elef Euro (€4000), bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**